32004R0599

L 94/44 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 31.3.2004

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 599/2004

## tat-30 ta' Marzu 2004

## li jikkonċerna l-adozzjoni ta' mudell armonizzat ta' ċertifikat u rapport ta' l-ispezzjoni marbuta mal-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali

**(Test b'relevanza tal-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE of 26 Ġunju 1990 li tikkonċerna l-verifiki veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunità f'ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-għan tat-twettieq tas-suq intern ([1]), partikolarment, l-Artikolu 20(3) tagħha,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 li tikkonċerna l-verifiki veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunità bil-għan tat-twettieq tas-suq intern ([2]), partikolarment, l-Artikolu 16(3) tagħha,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE ([3]), u partikolarment l-Artikolu 15 tagħha,

Wara li kunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 1992 dwar il-komputerizzazzjoni tal-proċeduri veterinarji dwar l-importazzjoni (Proġett *Shift*), li temenda d-Direttivi 90/675/KEE, 91/496/KEE, 91/628/KEE u d-Deċiżjoni 90/424/KEE, u li tħassar id-Deċiżjoni 88/192/KEE ([4]), u partikolarment l-Artikolu 12 tagħha,

Billi:

(1) L-Armonizzazzjoni tal-preżentazzjoni taċ-ċertifikati tas-saħħa li huma meħtieġa fil-kummerċ intra-Komunità hija vitali għall-introduzzjoni tas-sistema *Traces*, kif hemm provvediment dwar dan fid-Dictiżjoni tal-Kummissjoni 2003/623/KE li tikkonċerna l-iżvilupp tas-sistema veterinarja komputerizzata integrata magħrufha bħala Traces ([5]), hekk li l-informazzjoni akkwistata tista tkun amministrata u proċessata sewwa sabiex ittejjeb is-sigurtà tas-saħħa fil-Komunità.

(2) L-introduzzjoni tal-mudell armonizzat għall-ġbir tar-riżultati ta' l-ispezzjonijiet imwettqa permezz tad-Direttivi 89/662/KEE, 91/628/KEE u 90/425/KEE huwa meħtieġ sabiex dik l-informazzjoni tista tkun ipproċessata b'meżżi elettroniċi, u tikkostitwixxi l-bażi tal-preżentazzjoni standardizzata tar-riżultati, kif meħtieġ b'dawk id-Direttivi.

(3) Il-preżentazzjoni tal-mudelli tad-dokumenti meħtieġa bil-leġislazzjoni tal-Komunità f'dawn l-atti li ġejjin għandha tkun armonizzata:

— L-Anness F tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 rigward il-problemi tas-saħħa ta' annimali li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunità fl-annimali tal-ifrat u l-majjali ([6]);

— L-Annessi D1 u D2 tad-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE tal-14 ta' Ġunju 1988 li tistabbilixxi l-ħtiġiet dwar is-saħħa ta' l-annimali applikabli fil-kummerċ intra-Komunità fi u dwar l-importazzjoni ta' semen ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċie tal-ifrat ([7]);

— L-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunità fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijuni ta' l-annimali domestiċi ta' l-ispeċie tal-ifrat ([8]);

— L-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' equidae ([9]);

— L-Anness D tad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi l-ħtiġiet dwar is-saħħa ta' l-annimali applikabbli fil-kummerċ intra-Komunità fi u dwar l-importazzjoni ta' semen ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċie porċini ([10]);

— L-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunità fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' tjur u bajt tat-tfaqqis ([11]);

([1]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
([2]) ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003.
([3]) ĠU L 340, tal-11.12.1991, p. 17. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003.
([4]) ĠU L 243, tal-25.8.1992, p. 27.Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 95/1/KE.
([5]) ĠU L 216, tat-28.8.2003, p. 58.
([6]) ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 1977/64. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004.
([7]) ĠU L 194, tat-22.7.1988, p. 10. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/101/KE.
([8]) ĠU L 302, 19.10.89, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003.
([9]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003.
([10]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 62. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003.
([11]) ĠU L 303, tal-31.10.1990, p. 6. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003.

— L-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 91/67/EEC tat-28 ta' Jannar 1991 li tikkonċerna l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tqegħid fuq is-suq ta' l-annimali u l-prodotti ta' l-akwakoltura ([1]);

— L-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunità fl-annimali ovini u kaprini ([2]);

— L-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li jistabbilixxi l-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' l-annimali, tas-semen, tal-*ova* u l-embrijoni li ma humiex suġġetti għall-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità referuti fl-Anness A (I) tad-Direttiva 90/425/KEE ([3]);

— L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/273/KE tat-18 ta' April 1994 li tikkonċerna ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għat-rqegħid fis-suq tar-Renju Unit u l-Irlanda tal-klieb u l-qtates li ma joriġinawx minn dawk il-pajjiżi ([4]);

— L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/294/KE tal-24 ta' Lulju 1995 li tiddetermina l-kampjun taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali għall-kummerċ bil-*ova* u l-embrijuni ta' l-ispeċie ekwini ([5]);

— L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/307/KE tal-24 ta' Lulju 1995 li tiddetermina l-kampjun taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali għall-kummerċ fis-emen tal-ispeċie ekwini ([6]);

— L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/388/KE tad-19 ta' Settembru 1995 li tiddettermina l-kampjun taċ-ċertifikat għall-kummerċ intra-Komunità għall-kummerċ fis-semen, il-*ova* u l-embrijuni ta' l-ispeċie ovini u kaprini ([7]);

— L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/483/KE tad-9 ta' Novembru 1995 li tiddetermina l-kampjun taċ-ċertifikat għall-kummerċ intra-Komunità fil-*ova* u l-embrijuni ta' l-ispeċje tal-majjali ([8]);

— L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/657/KE tas-27 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat referut fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE ([9]);

— L-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/390/KE tat-23 ta' Mejju 2003 li tistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali għat-tqegħid fis-suq ta' l-ispeċie ta' l-akwakoltura meqjusa bħala suxxettibbli għal ċertu mard u l-podotti tagħhom ([10]);

— L-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u l-*marketing* ta' laħam frisk ([11]);

— L-Anness VI tar-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE tal-15 ta' Frar 1971 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-laħam frisk tat-tjur ([12]);

— L-Anness D tad-Direttiva tal-Kunsill 77/9/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-produzzjoni u l-*marketing* ta' prodotti tal-laħam u ċerti prodotti oħrajn ta' l-oriġini ta' l-annimali ([13]);

— L-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 91/495/KEE tas-27 ta' Novembru 1991 li tikkonċerna l-problemi tas-saħħa pubblika u s-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-laħam tal-fenek u tal-laħam ta' l-għasafar tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet ([14]);

— L-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 92/45/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 rigward il-problemi tas-saħħa pubblika u tas-saħħa ta' l-annimali li jirrigwardjaw il-qtil tal-kaċċa ferjali u t-tqegħid fis-suq ta' laħam tal-kaċċa ferjali ([15]);

— L-Anness V tad-Direttiva tal-Kunsill 94/65/KEE tal-14 ta' Diċembru 1994 li tistabbilixxi l-ħtiġiet għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-laħam kappuljat u l-preparazzjonijiet tal-laħam ([16]).

(4) L-iskambji ta' l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta Ottubru 2002 li jistabbilixxi r-regoli tas-saħħa li jikkonċernaw il-prodotti sekondarji mill-annimali li mhumiex intiżi għall-konsum uman ([17]) għandhom ikunu armonizzati f'dak li jirrigwardja l-forniment tal-prodotti sekondarji mill-annimali u tal-prodotti proċessati.

(5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma b'konformità ma l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

([1]) ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003.
([2]) ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/708/KE.
([3]) ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1398/2003.
([4]) ĠU L 102, tat-12.4.1, p. 63. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/298/KE.
([5]) ĠU L 182, tat-2.8.1995, p. 27.
([6]) ĠU L 185, ta' l-4.8.1995, p. 58.
([7]) ĠU L 234, tat-3.10.1995, p. 30.
([8]) ĠU L 275, tat-18.11.1995, p. 30.
([9]) ĠU L 216, ta' l-14.8.1999, p. 13.
([10]) ĠU L 135, tat-3.6.2003, p. 19.
([11]) ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003.
([12]) ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 807/2003.
([13]) ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 807/2003.
([14]) ĠU L 268, 24.9.91, p. 41. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003.
([15]) ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 35. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003.
([16]) ĠU L 368, tal-31.12.1994, p. 10. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003.
([17]) ĠU L 273, ta' l-10.10.2002, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-diversi ċertifikati tas-saħħa meħtieġa fil-kuntest tal-kummerc intra-Komunitarju, bl-eċċezzjoni taċ-ċertifikati tas-saħħa għal equidae irreġistrati, għandhom ikunu preżentati fuq il-bażi tal-mudell armonizzat anness hawnhekk.

Dan il-mudell ta' ċertifikat jinkludi:

1. il-parti I standardizzata, "dettalji tal-konsenja",
2. il-parti II, "ċertifikazzjoni", iddisinjata sabiex turi l-ħtiġiet taħt il-leġislazzjoni speċifika għal kull speċie, tip ta' produzzjoni u tip ta' prodott, u
3. il-parti III standardizzata, "verifiki", li tirreġistra r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet imwettqa b'konformità mar-regoli fis-seħħ.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2004.

B'danakollu, l-Istati Membri li hekk jixtiequ, jistgħu jagħmlu użu mill-preżentazzjoni taċ-ċertifikati sa mill-1 ta' April 2004 il-quddiem fil-kuntest tas-sistema *Traces*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2004.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

L-ANNESS

**KOMUNITÀ EWROPEA** **Ċertifikat ta' l-intra-kummerċ**

**Parti I Dttalji tal-konsenja ippreżentata**

| | |
|---|---|
| I.1. Konsenjant<br>☐ Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi postali | I.2. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat — I.2.a. Numru ta' referenza lokali<br>I.3. awtorità kompetenti ċentrali<br>I.4. awtorità kompetenti lokali |
| I.5. Konsinnatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi postali | I.6. Nru(i) taċ-ċertifikati oriġinali relattati — Nru(i) tad-dokumenti li jakkumpanjaw<br>I.7. Negozjant<br>Isem — Numru ta' l-approvazzjoni |
| I.8. Pajjiż ta' l-oriġini — Kodiċi ISO — I.9. Reġjun ta' l-oriġini — Kodiċi | I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO — I.11. Reġjun tad-destinazzjoni — Kodiċi |
| I.12. Post ta' l-oriġini/post tal-hsad<br>Qasam ☐ Ċentru ta' l-assemblaġġ ☐ Il-fond tan-negozjant ☐<br>IL-korp ta' l-approvazzjoni ☐ Iċ-ċentru tas-semen ☐ Qasam approvat ta' l-akwakoltura ☐<br>Il-grupp ta' l-embrijuni ☐ Stabbiliment ☐ Ohrajn ☐<br>Isem — In-numru ta' l-approvazzjoni<br>Indirizz<br>Kodiċi postali | I.13. Il-post tad-destinazzjoni<br>Qasam ☐ Ċentru ta' l-assemblaġġ ☐ Il-fond tan-negozjant ☐<br>Il-korp ta' l-approvazzjoni ☐ Iċ-ċentru tas-semen ☐ Qasam approvat ta' l-akwakoltura ☐<br>Il-grupp ta' l-embrijuni ☐ Stabbiliment ☐ Ohrajn ☐<br>Isem — In-numru ta' l-approvazzjoni<br>INdirizz<br>Kodiċi postali |
| I.14. Il-post tat-tghabija<br>Kodiċi postali | I.15. Id-data u l-hin tat-tluq |
| I.16. Meżżi tat-trasport<br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-forrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Ohrajn ☐<br>Identifikazzjoni: | I.17. Trasportatur<br>Isem — Numru ta' l-approvazzjoni<br>Indirizz<br>Kodiċi postali — Stat Membru |
| I.18. Prodott tal-ispeċie ta' annimali | I.19. Kodiċi tal-komodità (kodiċi NM)<br>I.20. Numru tal-kwantità |
| I.21. . It-temperatura tal-prodotti<br>Ambjent ☐ Imkessah ☐ Iffriżat ☐ | I.22. In-numru tal-pakketti |
| I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/numru tas-siġill | I.24. . It-tip tal-pakketti |

I.25. Prodotti ta' l-annimali ċertifikati ghal:

Tnissil ☐ Simmna ☐ Qatla ☐ Transumanza ☐ Il-korp ta' l-approvazzjoni ☐

Riproduzzjoni artifiċjali ☐ Equidae reġistrati ☐ Forniment mill-ġdid tal-kaċċa ☐ Annimali tad-djat ☐

Konsum uman ☐ Ghalf ta' l-annimali ☐ Użu farmakewtiku ☐ Użu tekniku ☐ Ohrajn ☐

| | |
|---|---|
| I.26. Transitu matul pajjiż terz ☐<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO<br>Il-post tal-hruġ — Kodiċi<br>Il-post tad-dhul — Numru ta' l-unità | I.27. Transitu matul Stat Membru ☐<br>Stat Membru — Kodiċi ISO<br>Stat Membru — Kodiċi ISO<br>Stat Membru — Kodiċi ISO |
| I.28. Esportazzjoni ☐<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO<br>Il-post tal-hruġ — Kodiċi | I.29. Szacunkowy czas przejazdu |

I.30. Il-pjan tar-rotta

Iva ☐ Le ☐

I.31. Identifikazzjoni ta' l-annimali

**KOMUNITÀ EWROPEA** **Certifikat ta' l-intra-kummerċ**

Parti II Certifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-shiha ✳ | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. Numru ta' referenza lokali |
|---|---|---|
| ☐ | | |

Veterinarji uffiċjali jew l-ispettur uffiċjali

Isem (f'ittri kbar):

Unità veterinarja lokali

Data:

Timbru

Kwalifiki u titolu

Numru ta' LVU relattata

Firma:

✳ Ħtieġa speċifika sanitarja.għandha tkun mimlija

**KOMUNITÀ EWROPEA** **Ċertifikat ta' l-intra-kummerċ**

## Parti III Kontroll

III.1. Id-data ta' l-ispezzjoni ☐

III.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat

III.3. Verifika dokumentarja Le ☐ Iva ☐

Norma ta' l-EU Sodisfaċenti ☐ Mhux sodifaċenti ☐

Garanziji addizzjonali Sodisfaċenti ☐ Mhux sodifaċenti ☐

Ħtiġiet nazzjonali Sodisfaċenti ☐ Mhux sodifaċenti ☐

III.4. Verifika ta' l-identità Le ☐ Iva ☐

Sodisfaċenti ☐ Mhux sodisfaċenti ☐

III.5. Verifika fiżika: Le ☐ Numru ta' annimali ivverifikati ☐

Sodisfaċenti ☐ Mhux sodisfaċenti ☐

III.6. Testijiet tal-laboratorju: Le ☐ Iva ☐

Data:

Ittestjati għal:

Mingħajr għażla ☐ Suspett ☐

Riżultati: Sodisfaċenti ☐ Mhux sodisfaċenti ☐

III.7. Verifika tal-benesere Le ☐ Iva ☐

Sodisfaċenti ☐ Mhux sodisfaċenti ☐

III.8. Ksur tar-regolamenti tal-benessere

III.8.1. L-awtorizzazzjoni tat-trasportatur invalida ☐

III.8.2. Nuqqas ta konformità mal-meżżi tat-trasport ☐

III.8.3. Id-dinsità tal-ħażna ġiet misbuqa ☐ Speċie medja

III.8.4. Il-ħin ta`l-ivvjaġġar huwa misbuq ☐

III.8.5. L-għalf u x-xorb mhux imwettaq ☐

III.8.6. Trattament ħażin jew negliġenza ta' l-annimali ☐

III.8.7. Oħrajn ☐

III.9. Ksur tal-leġislazzjoni tas-saħħa

III.9.1. Certifikat invalidu ta' l-assenza ☐

III.9.2. Nuqqas ta' qbil mad-dokumenti ☐

III.9.3. Pajjiż mhux awtorizzat ☐

III.9.4. Żona ta' reġjun mhux awtorizzata ☐

III.9.5. Speċie ipprojbita ☐

III.9.6. Nuqqas ta' garanzija addizzjonali ☐

III.9.7. Qasam mhux approvat ☐

III.9.8. Annimali mejta jew issuspettati ☐

III.9.9. Testijiet mhux sodisfaċenti ☐

III.9.10. Nuqqas ta' jew identifikazzjoni mhux legali ☐

III.9.11. Ħtiġiet nazzjonali mhux imwettqa ☐

III.9.12. L-indirizz tad-destinazzjoni huwa invalidu ☐

III 9.13. Oħrajn ☐

III.10 Szállítás hatása az állatokra

Elhullott állatok száma ☐ Becslés ☐

Szállításra alkalmatlan állatok száma ☐ Becslés ☐

Ellések vagy vetélések száma ☐

III.11. Azzjoni korrettiva

III.11.1. it-tluq huwa mdewwem ☐

III.11.2. Proċedura tat-trasferiment ☐

III.11.3. Kwarantina ☐

III.11.4. Ewtanażja/qtil bħala ħniena ☐

III.11.5. Qerda tal-karkassi tal-produzzjoni ☐

III.11.6. Ritorn tal-konsennja ☐

III.11.7. Trattament tal-prodotti ☐

III.11.8. L-użu tal-prodotti għal skopijiet oħrajn ☐

Identifikazzjoni ☐

III.12. Segwiment tal-kwarantina

III.12.1. Ewtanażja/qtil bħala ħniena ☐

III.12.2. Rilaxx ☐

III.13. Il-post ta' l-ispezzjoni

Stabbiliment ☐ Qasam ☐ Ċentru ta' l-assemblaġġ ☐

Il-fond tan-negozjant ☐ Korp ta' l-approvazzjoni ☐ Ċentru tas-semen ☐

Port ☐ Ajruport ☐ Il-post tal-ħruġ ☐

Transitu ☐ Oħrajn ☐

III.14. Uffiċjal veterinarju, spettur uffiċjali

Unità veterinarja lokali Nru ta' LVU relatati

Isem (f'ittri kbar)

Kwalifiki u titolu

Data: Firma:

**Noti ta' gwida għaċ-ċertifikat intra-kummerċ**

| | |
|---|---|
| Ġenerali: | Int mitlub li timla ċ-ċertifika f'ittri kbar. Sabiex tikkonferma għażla, għamel salib jew marka fuq il-kaxxa. |
| | "Kodiċi ISO" tfisser il-kodiċi ta' żewġ ittri tan-norma internazzjonali għall-pajjiż. |

Prinċipji

Dan iċ-ċertifikat jirrigwardja l-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali kollha u l-prodotti kollha referuti fid-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE, il-prodotti kollha ta' l-oriġini mill-annimali referuti fid-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE li dwarhom ċertifikat tas-saħħa huwa meħtieġ, u l-prodotti sekondarji kollha mill-annimali referuti fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li dwarhom ir-regoli jeħtieġu notifika bil-quddiem.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal għaxart ijiem mid-data ta' l-ispezzjoni tas-saħħa mwettqa mill-Istat Membru ta' l-oriġini.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal speċie waħda jew tip wieħed ta' prodott.

Il-firma u t-timbru għandhom ikunu f'kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

L-oriġinal ta' dan iċ-ċertifikat għandu jakkumpanja l-konsenja lejn id-destinazzjoni finali.

Il-qasam jew l-istabbiliment għandu jżomm l-oriġinal jew kopja taċ-ċertifikat għal mill-anqas tlett snin.

Iċ-ċertifikati jistgħu ikunu imħejjija biss għall-annimali li għandhom ikunu trasportati fl-istess vagun tal-ferrovija, trakk, ajruplan jew vapur, li joriġinaw mill-istess qasam u li huma mibgħuta lejn l-istess konsinnataru. L-istess japplika għall-prodotti.

Dan iċ-ċertifikat għandu jkun maħruġ fi żmien 24 siegħa mit-tluq tal-konsenja.

| | |
|---|---|
| **Parti I** | **Din il-parti tista tkun mimlija mill-konsenjant jew min-negozjant, jew minn veterinarju uffiċjali jew min spettur uffiċjali fil-każ ta' l-annimali ta' l-akwakultura** |
| Kaxxa 1.1. | Il-konsenjant: għati l-isem u l-indirizz tal-persuna naturali jew legali li tibgħat il-konsenja. |
| Kaxxa 1.2. | In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat huwa numru uniku ta' referenza mogħti mis-sistema Tracci. |
| Kaxxa 1.2.a. | In-numru ta' referenza lokali huwa numru li l-awtorità lokali tista tagħti bi qbil maċ- ċertifikazzjoni tagħha. |
| Kaxxa 1.3. | L-awtorità kompetenti ċentrali: l-isem u n-numru ta' l-awtorità ċentrali kompetenti tal-pajjiż ta' l-oriġini kif ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali. |
| Kaxxa 1.4. | L-awtorità kompetenti lokali: l-isem u n-numru ta' l-awtorità lokali kompetenti tal-pajjiż ta' l-oriġini kif ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali. |
| Kaxxa 1.5. | Konsennatarju: Indika l-isem u l-indirizz tal-persuna naturali jew legali responsabbli sabiex tirċievi l-konsenja fil-pajjiż tad-destinazzjoni. |
| Kaxxa 1.6. | In-numru(i) taċ-ċertifikati oriġinali: jikkonċernaw biss lill-dawk l-annimali li jgħaddu minn ċentru ta' l-assemblaġġ (annimali bovini, porċini, ovini u kaprini, u ekwidi): għatu n-numru ta' referenza għal kull ċertifikat li jikkostitwixxi l-konsenja l-ġdida. |
| | Dokumenti li jakkumpanjaw il-konsenja: jikkonċernaw biss dawk l-ekwidi u l-annimali elenkati fil-Konvenzjoni ta' Washington dwar l-ispeċie protetti u l-prodotti tagħhom. |
| | Għall-ekwidu l-annimali elenkati fil-Konvezjoni ta' Washington dwar l-ispeċie protetti, agħti l-passaport jew in-numru tal-permess CITES. |
| | Għall-prodotti u l-prodotti sekondarji agħti n-numru tad-dokument kummerċjali. |

Kaxxa 1.7. Negozjant: tikkonċerna biss il-konsenji ta' l-annimali bovini, porċini, ovini jew kaprini: agħti n-numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali u l-isem tan-negozjant approvat.

Kaxxa 1.8. Il-pajjiż ta' l-oriġini: agħti l-isem tal-pajjiż li minnu l-annimali jew il-prodotti joriġinaw.

Kaxxa 1.9. Ir-reġjun ta' l-oriġini: jikkonċerna biss l-annimali bovini u proċini u l-annimali ta' akwakoltura fil-kuntest tal-miżuri tar-regjunalizzazzjoni.

Għall-annimali bovini u porċini indika r-reġjuni amministrattivi.

Għall-annimali ta' l-akwakultura indika ż-żoni approvati u ż-żoni kostali.

Il-kodiċi hija mogħtija fir-regoli relevanti.

Kaxxa 1.10. Il-pajjiż tad-destinazzjoni: agħti l-isem tal-pajjiż ta' fejn l-annimali huma destinati.

Kaxxa 1.11. Ir-reġjun tad-destinazzjoni: ara l-kaxxa 1.9.

Kaxxa 1.12. Il-post ta' l-oriġini/il-post tal-ħsad: il-post ta' fejn l-annimali jew il-prodotti joriġinaw.

Qasam: kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 90/425/KEE.

Qasam approvat ta' l-akwakultura: tikkonċerna biss l-annimali bovini, porċini, ovini u kaprini.

u l-ekwidi: kif definit fl-Artikolu 2(b)(9) u (10) tad-Direttiva 91/68/KEE u l-Artikolu 2(o) tad-Direttiva 64/432/KEE.

Il-fond tan-negozjant: tikkonċerna biss lil-dawk l-annimali ovini u kaprini kif definiti fl-Artikolu 2(b)(12) tad-Direttiva 91/68/KEE.

Il-korp approvat: il-korp, l-istitut jew iċ-ċentru uffiċjalment approvati kif definiti fl-Artikolu 2(1)(c) tad-Direttiva 92/65/KEE, u partikolarment iż-żoo approvati u l-laboratorji tar-riċerka.

Ċentru tas-semen: iċ-ċentru tal-ġbir u tal-ħażna tas-semen kif definit fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 88/407/KEE.

Grupp ta' l-embrijuni: l-istruttura approvata għall-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażna ta' l-embrijuni u l-ova kif definiti fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 89/556/KEE.

Stabbiliment: tikkonċerna biss dawk il-prodotti u l-prodotti sekondarji ta' l-oriġini mill-annimali kif definiti fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 89/662/KEE.

Agħti l-isem, l-indirizz u n-numru ta' l-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni ta' dawn l-istrutturi meta hekk ikun meħtieġ skond ir-regoli.

Kaxxa 1.13. Il-post tad-destinazzjoni: il-post ta' fejn l-annimali jew il-prodotti jkunu meħuda għal ħatt finali (i.e. mingħajr ma jittieħed qies tal-postijiet tal-waqfien) u ż-żamma b'konformità ma r-regoli eżistenti. Ara l-kaxxa 1.12.

Kaxxa 1.14. il-post tat-tagħbija: tikkonċerna biss l-annimali: agħti l-belt jew il-kodiċi postali tal-post ta' fejn l-annimali huma mgħobbija.

Kaxxa 1.15. Id-data u l-ħin tal-partenza: tikkonċerna biss l-annimali: agħti d-data u l-ħin ta' meta l-annimali huma mistennija li jitilqu.

Kaxxa 1.16. Meżżi tat-trasport: agħti d-dettalji tal-meżżi tat-trasport.

Mezzi tat-trasport (ajruplan, vapur, vagun tal-ferrovija, vettura tat-triq).

Identifikazzjoni tal-mezzi tat-trasport: għat-trasport bl-ajru, in-numru tat-titjira; għat-trasport marittimu, l-isem tal-vapur; għat-trasport bil-ferrovija, in-numru tal-ferrovija u l-vagun u għat-trasport bl-art, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura tat-triq u n-numru tal-karru meta użat. "Oħrajn" tfisser il-moduli tat-trasport li ma humiex koperti bid-Direttiva 91/628/KEE li titratta mal-benessere ta' l-annimali matul it-trasport.

Kaxxa 1.17. Trasportatur: tikkonċerna biss l-annimali: b'konformità ma l-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/628/KEE li tikkonċerna l-protezzjoni ta' l-annimali matul it-trasport; agħti n-numru ta' l-approvazzjoni tat-trasportatur.

Kaxxa 1.18. Speċi/prodotti ta' l-annimali: għall-annimali stqarr l-ispeċi ta' l-annimal billi tagħti l-isem komuni kif klassifikat fin-nomeniklatura tat-tariffa; għall-prodotti ta' l-annimali (semen, ova, embrijuni) għati l-ispeċi u t-tip. Għal prodotti ta' oriġini mill-annimali stqarr it-tip tal-prodott kif ikklasifikat fin-nomeniklatura tat-tariffa.

Kaxxa 1.19. Kodiċi NM: Agħti bħala mimnimu 4 figuri tal-kodiċi tan-Nomeniklatura Magħquda relevanti (kodiċi NM) stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 kif l-aħħar emendat.

Kaxxa 1.20. Numru/kwantità:

Għall-annimali u l-prodoti ta' l-annimali (semen, ova, embijuni) agħti n-numru ta' l-irjus jew tas-siltiet espressi bħala unitajiet.

Għall-annimali u l-prodotti ta' l-akwakoltura agħti l-piż totali fi kg.

Kaxxa 1.21. It-temperatura tal-prodotti: tikkonċerna biss lill-dawk il-prodotti ta' oriġini mill-annimali; agħti l-metodu tal-konservazzjoni.

Kaxxa 1.22. In-numru ta' pakketti: agħti n-numru ta' kaxxi, gaġġeġ jew garżelli li fihom l-annimali ikunu trasportati jew in-numru ta' kontenituri għall-prodotti.

Kaxxa 1.23. L-identifikazzjoni tal-kontenitur/numru tas-siġill: agħti in-numri kollha ta' l-identifikazzjoni tas-siġilli u tal-kontenituri għal dawk il-prodotti partikolari.

Kaxxa 1.24. It-tip ta' l-ippakkjar: tikkonċerna prodotti biss.

Kaxxa 1.25. Annimali ċertifikati bħala/prodotti iċċertifikati għal: agħti d-destinazzjoni esklussiva ta' l-annimali jew tal-prodotti.

Tgħammir: għall-annimali tat-tgħammir u tal-produzzjoni.

Simna: tikkonċerna biss l-annimali ovini u kaprini.

Qatla: għall-annimali destinati lejn biċċerija.

Transumanza: tikkonċerna biss l-annimali bovini li jirgħu f'żoni muntanjużi.

Korp approvat: il-korp, l-istitut jew iċ-ċentru approvat uffiċjalment permezz tad-Direttiva 92/65/KEE.

Riproduzzjoni artifiċjali: tikkoncerna biss is-semen, l-ova u l-embrijuni.

Ekwidi reġistrati: b'konformità mad-Direttiva 90/426/KEE.

Il-ħażna mill-ġdid tal-kaċċa: tikkonċerna biss il-kaċċa għall-iskopijiet tat-tkattir tal-ħażniet.

Annimali tad-djar: l-annimali mrobbija fid-djar li huma s-suġġett ta' transazzjoni kummerċjali.

Konsum uman: tikkonċerna biss il-prodotti intiżi għall-konsum uman li dwarhom ċertifikat tas-saħħa huwa meħtieġ skond ir-regoli.

L-għalf ta' l-annimali: tikkonċerna biss il-prodotti intiżi bħala għalf għall-annimali, kif referuti fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Użu farmaċewtiku.

Użu tekniku: prodotti li ma humiex tajbin għall-konsum uman jew mill-annimali u destinati għall-użu industrijali kif referut fir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

"Oħrajn": intiża għall-iskopijiet li ma humiex elenkati x'imkien ieħor f'din il-klassifikazzjoni.

| | |
|---|---|
| Kaxxa 1.26. | Transitu matul pajjiż terz: agħti l-isem tal-pajjiż bil-kodiċi ISO tiegħu u l-punt tal-ħruġ kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 93/444/KEE u l-isem u n-numru tal-post ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera tad-dħul ta' l-annimali ġewwa l-Unjoni Ewropea. |
| Kaxxa 1.27. | Transitu matul l-Istati Membri: agħti il-kodiċi ISO tal-pajjiżi UE/ŻEE li jkunu trasvestati mill-konsenja ta' l-annimali jew tal-prodotti. |
| Kaxxa 1.28. | Esportazzjoni: agħti il-punt tal-ħruġ mill-UE/ŻEE. |
| Kaxxa 1.29. | It-tul ta' ħin ikkalkolat għall-vjaġġ: agħti l-ħin ikkalkulat kif meħtieġ permezz tad-Direttiva 91/628/KEE. |
| Kaxxa 1.30. | Il-pjan tar-rotta: stqarr, b'konformità mal-ħtiġiet, jekk ikunx hemm pjan tar-rotta. |
| Kaxxa 1.31. | Identifikazzjoni ta' l-annimali/prodotti: mitlub li tikteb xi ħtiġiet speċjali li jirrigwardaw l-ispeċie jew in-natura tal-prodotti. |
| **Parti 2** | **Din il-parti tista tkun mimlija biss minn veterinarju uffiċjali jew min spettur uffiċjali fil-każ ta' l-annimali ta' l-akwakultura** |
| Kaxxa II. | Informazzjoni dwar is-saħħa: mitlub li timla din il-parti b'konformità mar-regoli relevanti. |
| Kaxxa II.a. | Numru ta' referenza: ara l-kaxxa 1.2. |
| Kaxxa II.b. | Numru ta' referenza lokali: ara l-kaxxa 1.2.a. |
| **Parti 3** | **Verifiki: din il-parti għandha tkun mimlija minn veterinarju uffiċjali jew minn spettur uffiċjali meta jwettaq il-verifika tad-destinazzjoni jew matul it-trasport għall-annimali u matul il-konsenja tal-prodotti konċernati bir-Regolament (KE) Nru 1774/2002** |
| Kaxxa III.1. | Id-data ta' l-ispezzjoni: |
| Kaxxa III.2. | In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat: ara l-kaxxa 1.2. |
| Kaxxa III.3. | Verifika tad-dokumenti: Din tinkludi wkoll il-verifika dwar il-konformità man-normi tal-Komunità u tal-garanziji addizzjonali għal uħud mill-Istati Membri u, f'dak li jirrigwardja l-ispeċi m'humiex elenkati fl-Anness A tad-Direttiva 90/425/KEE, din tinkludi l-konformità mal-ħtiġiet nazzjonali, independentement mid-destinazzjoni finali. Nuqqas ta' konformità mal-ħtieġa tal-garanzija addizzjonali jew mal-ħtieġa nazzjonali, tfisser li l-konsenja ma tkunx sodisfaċenti. |
| Kaxxa III.4. | Verifika ta' l-identità: qabbel il-konsenja maċ-ċertifikat u mad-dokumenti li jkunu jakkumpanjawh. |
| Kaxxa III.5. | Verifika fiżika: Din tirreferi għar-riżultati ta' l-eżaminazzjoni klinika kif imwettqa, il-mortalità u l-morbidità fil-konsenja. Stqarr in-numru ta' annimali verifikati. |
| Kaxxa III.6. | Testijiet tal-laboratorju:<br><br>Ittestjati għal: stqar il-kategorija tas-sustanzi jew tal-patoġeni li dwarhom proċedura investigattiva għandha tkun imwettqa.<br><br>"Ibbażata fuq suspetti" tinkludi l-każi ta' meta l-annimali jkunu suspettati li jkollhom mard jew li juru sinjali ta' mard u li huma ittestjati permezz tal-klawsoli tas-salvagward li huma fis-seħħ. |
| Kaxxa III.7. | Verifika tal-benessere: iddeskrivi l-kundizzjonijiet tat-trasport u l-istat tal-benessere ta' l-annimali mal-wasla tagħhom. |
| Kaxxa III.8. | Ksur tal-leġislazzjoni tal-benessere: mitlub li timla waħda jewk aktar kaxxi, jiddependi min-natura ta' dan il-ksur. |

Kaxxa III.9. Ksur tal-leġislazzjoni tas-sahha: imla l-kaxxa xierqa, jiddependi min-natura tal-ksur.

III.9.1. Nuqqas ta' ċertifikat: meta l-konsenja tkun tivvjaġġa minghajr ċertifikazzjoni jew qabel in-notifika.

III.9.2. Nuqqas ta' qbil bejn id-dokumenti: tissinifika li l-elementi li jiffurmaw il-konsenja ma jkunux jikkorrispondu maċ-ċertifikazzjoni.

III.9.3. Pajjiż mhux awtorizzat: meta miżura ta' salvagwardja taffettwa l-pajjiż ghall-ispeċi li tkun kunsidrata.

III.9.5. Speċi projbita: annimali ta' l-ispeċi mhux-standard ipprojbiti fi Stat Membru jew annimali ta' speċie protetti permezz tal-Konvenzjoni ta' Washington li jiksru r-regoli relevanti.

III.9.12. Indirizz invalidu: meta l-indirizz moghti ma jkunx jeżisti jew ma jkunx jikkorrespondi ma` l-ispeċie jew mal-prodott ikkonċernat jew li l-konsenja qatt ma tkun waslet fl-indirizz moghti.

Kaxxa III.10. L-impatt tat-trasport fuq l-annimali: tikkonċerna biss l-annimali: stqarr kemm annimali jkunu mietu, kemm minnhom ma jkunx tajbin ghall-ivvjaġġar u kemm femminili jkunu welldu jew korrew waqt it-trasport. Fil-każ ta' l-annimali konsenjati fi kwanità kbira (flieles ta' jum, hut, molluskoli, eċċ.,) aghti estimi tan-numru ta' mwiet jew ta' l-annimali mhux f'sikkithom skond kif applikabbli.

Kaxxa III.11. Azzjoni korrettiva: indika xi deċiżjonijiet mehudha sabiex iwaqqfu il-ksur b'konformità mad-Direttivi 91/628/KEE, 90/425/KEE jew 89/662/KEE..

III.11.1. Tluq imdewwem; it-trasport ghandu jkun imdewwem sabiex ikun assigurat li l-annimali jkunu tajbin ghat-tluq.

III.11.2. Proċedura tat-trasferiment: it-trasferiment ta' l-annimali minn meżżi tat-trasport li ma jkunux jilhqu l-htiġiet lejn mezz iehor li jkun jilhaq dawk il-htiġiet.

Kaxxa III.12. Segwiment tal-kwarantina: tikkonċerna biss l-annimali: l-qatla jew ir-rilaxx ikunu jiddependu mir-riżultat ta' l-eżaminazzjoni.

Kaxxa III.13. Il-post ta' l-ispezzjoni.

Kaxxa III.14. Firma tal-veterinarju uffiċjali jew ta' l-ispettur uffiċjali: stqar l-unità veterinarja lokali li maghha huwa assenjat il-firmatarju.